MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 2579/2000/1

**Simon Camilleri**

**vs**

**Dr. Leslie Cuschieri u P.L. Hilda Ellul Mercer li b'digriet tal-Qorti tad-29 ta' Dicembru 2000 gew nominati bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Victoria Camilleri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fil-Knisja tal-Holy Cross, il-Furjana fit-22 ta' Marzu 1986 (Dok "A");

Illi l-kunsens tal-konvenuta nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi *inoltre,* il-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-istess konvenuta illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-konvenuta ssimulat l-kunsens taghha ghal dan iz-zwieg.

Illi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat fil-Knisja tal-Holy Cross, Furjana, fit-22 ta' Marzu 1986 huwa null u bla effett skond il-ligi.

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fit-22 ta' Marzu 1986 huwa null u bla effett legali u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 sa 7 tal-process;

Rat ir-rikors tal-attur tas-7 ta' Dicembru 2000 fejn talab li jigu nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-attrici fl-atti tal-kawza u fl-atti l-ohra relattivi u sussegwenti.

Rat id-digriet tal-Qorti tad-29 ta' Dicembru 2000 fejn innominat lil Dr. Leslie Cuschieri u lill-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati tal-1 ta' Awissu 2001 a fol. 24 fejn gie eccepit:

1. Illi b'digriet tad-29 ta' Dicembru 2000 huma gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Victoria Camilleri;

2. Illi huma m'ghandhomx mezz kif jikkomunikaw mal-persuna minnhom rapprezentata u ghalhekk mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz odjern.

3. Illi ghalhekk huma jirrizervaw li jeccepixxu ulterjorment.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati a fol. 24 tal-process.

Rat il-verbali tal-24 ta' Settembru 2001 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Veronica Galea Debono bhala Perit Legali biex tigbor il-provi u tirrelata; tal-21 ta' Jannar 2002; tal-25 ta' Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tal-11 ta' Gunju 2002; tal-1 ta' Ottubru 2002 fejn id-difensuri rrimettew ruhhom ghar-rapport u l-kawza giet differita ghat-13 ta' Novembru 2002 ghas-sentenza.

Rat is-seduti mizmuma mill-Perit Legali.

Rat ir-relazzjonit tal-Perit Legali

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (A). PROVI.

Illi l-**attur** xehed permezz ta' affidavit tieghu mmarkat u esibit bhala "Dok. SC". Huwa pproduca wkoll bhala xhieda tieghu lil ommu Theresa Camilleri li xehdet permezz ta' affidavit taghha mmarkat u esebit bhala "Dok.

TC", kif ukoll liz-zewg zijiet ta' martu Victoria Camilleri u cjoe', Margaret Wood li xehdet permezz ta' affidavit taghha mmarkat u esibit bhala "Dok. MW", u Juliette Borg Cardona li xehdet permezz ta' affidavit taghha mmarkat u esebit bhala "Dok. JBC". Il-konvenut Dr. Leslie Cuschieri, kuratur tal-assenti Victoria Camilleri, ddikjara li ma kienx edott mill-fatti tal-kaz u ma kienx irnexxielu jaghmel kuntatt ma' l-istess Victoria Camilleri, u ghalhekk ma setghax iressaq provi. Hu rrinunzja wkoll ghal kwalsiasi kontroezami.

**(B) KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT.**

Illi fic-citazzjoni pprezentata minnu, l-attur qed jitlob li z-zwieg li gie ccelebrat bejnu u bejn il-konvenuta jigi dikjarat null u bla effett, billi l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha u peress li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u dan kif previst fl-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;** u, billi l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg kien simulat, kif previst fl-**artikolu 19(1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-**Artikoli 19 (1) (d) u 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jiddisponu kif gej:-

*19 (1) "B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null –*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew*

*aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita' taz-zwieg *o meno* taht dawn iz-zewg artikoli separatment, u fl-ewwel lok, taht **l-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi l-kunsens ta' zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma' persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma' dik il-persuna u bejniethom jikkrejaw shubija fejn jaghtu lilhom infushom lil xulxin. Dan l-att jehtieg maturita' ta' hsieb u karattru tali li l-persuna li tidhol ghaz-zwieg taghraf il-*commitment* li jikkomporta z-zwieg, u cjoe' '*commitment*' li tinvolvi partecipazzjoni attiva fil-hajja ta' familja.

Illi mill-gurisprudenza kostanti tal-qrati taghna jidher car illi l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib s-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn min-nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubbju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus ….. richiede una capacita' intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e' per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita' di mente e' di liberta' dato che si tratta di assumersi una servitus per tutta la vita".* (**Forum 1990**. Vol. I, part 1, pg. 72).

Illi l-kuncett tad-'*discretio judicii'* ma jirrikjedix maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe' ghall-obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. *Inoltre* l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe' dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi.

Illi l-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju fil-ligi civili jvarja xi ftit mill-kuncett kif espost fid-dritt kanoniku ghaliex mentri d-dritt kanoniku jirrikjedi xi forma ta' difett psikologiku serju, fid-dritt civili dan mhuwiex il-kaz.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **"Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri"** deciza fl-4 ta' Novembru 1994, il-Qorti studjat fil-fond il-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju. F'din is-sentenza l-Qorti dahlet fil-fond f'dak li jghid ***Bersini*** fuq il-livell tad-diskrezzjoni tal-gudizzju rikjest biex jinghata kunsens matrimonjali validu:

*"La discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva …… La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. ….. Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e' il matrimonio, e' necessaria la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro."*

(**"Il-Diritto Canonico Matrimoniale"** – *Bersini* - Torino 1994).

Illi dan l-impenn ghall-futur jittraduci ruhu fl-obbligazzjonijiet essenzjali ghal hajja taz-zwieg, fosthom il-fedelta' u fiducja, l-permanenza taz-zwieg, u fuq kollox il-*benessere* reciproku bejn il-mizzewgin, u cjoe', dawk l-obbligazzjonijiet li minghajrhom unjoni intima bejn il-konjugi fl-aspetti kollha taghha ma tistax issehh.

Illi dan ifisser illi l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewwga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom.

Illi ghalkemm il-**Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ma taghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif stqarret il-Qorti fis-sentenza fuq imsemmija, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe' dik l-unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u prokrejazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied.

Illi stabbiliti dawn l-aspetti legali tal-kuncett tad-difett ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewwga u d-dmirijiet essenzjali taghha, l-Qorti ser tghaddi biex taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-provi migbura.

Illi fix-xhieda moghtija minnu permezz ta' l-affidavit tieghu (Dok. "SC"), l-**attur** jispjega illi hu u l-konvenuta kienu ghamlu snin johorgu fl-istess klikka ta' hbieb. Il-konvenuta kienet qed tohrog ma' guvni iehor fl-istess klikka taghhom meta l-attur sar jafha, izda wara ftit hija ma komplietx tohrog ma' dan il-guvni, u spiccat tohrog mal-attur minflok. L-attur u l-konvenuta tgharrsu fl-istess sena meta bdew johorgu flimkien u dan '*fuq l-insistenza tal-konvenuta*.'

Illi huwa jispjega li kien ihoss illi kien ghadu kmieni wisq biex jibdew jahsbu dwar iz-zwieg, izda l-kovenuta kienet

qaltlu li l-gherusija ma kenitx tfisser li kienu ser jizzewgu malajr, u ghalhekk huwa ma kienx oggezzjona.

Illi fi kliemu stess, l-attur jixhed dwar l-agir tal-konvenuta waqt l-eghrusija hekk kif gej:- *"waqt l-gherusija kont niddejjaq hafna bil-mod kif kienet tirrejagixxi ghal argumenti zghar li kien ikollna. Il-konvenuta kienet persuna illi dejjem trid illi tghaddi taghha u in fatti l-argumenti li kien ikollna kienu rizultat ta' dan l-agir taghha. Wara argument il-konvenuta kienet hafna drabi tibda tghajjat, issabbat saqajha, twerzaq qisha tifla zghira. Kemm-il darba kont nigbdilha l-attenzjoni illi dan l-agir ma kienx joghgobni u in fatti kienet tipprova tnaqqas mis-suppervja u maz-zmien bdiet tipprova turini illi bdiet taghmel hilitha sabiex tikkalma aktar malli beda riesaq it-tieg. Pero' nghid illi wara t-tieg, il-konvenuta regghet bdiet tirrejagixxi bl-istess mod u in fatti dan l-agir baqa' jiggrava sa meta sseparajna 'de facto'.*

Illi meta l-attur beda johrog mal-konvenuta, din kienet toqoghod ma' missierha. Ommha kienet diga' mejta. Huha kien akbar minnha xi ghaxar snin u allavolja kien ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni personali, huwa ma kienx mar lura jghix ma' missieru ghax kien jghid li missieru kien bniedem difficli hafna. Missier il-konvenuta dak iz-zmien kellu fuq it-tmenin sena.

Illi l-konvenuta w huha kienu jillitikaw hafna rigward il-fatt li l-konvenuta kienet thoss li huha kellu jiehu hsieb aktar ta' missieru, u li x-xoghol kellu jinqasam bejniethom ghaliex hija kienet qed tiddejjaq dejjem tiehu hsieb lill-missierha wahedha. Kif jispjega l-konvenut stess fi kliemu, '*l-konvenuta kienet imdejqa hafna bl-attitudni ta' missierha li ma' kienx ihalliha tilbes li trid, kien jiddetermina x'issajjar, li taghmel it-tindif u li tiehu hsiebu u dan peress illi huwa kien jippretendi illi ladarba mietet martu, l-kovenuta kellha tiehu post ommha. Missier il-konvenuta kien bniedem esigenti.*' Apparti dan missier il-konvenuta kien bniedem iddixxiplinat hafna mal-konvenuta, u baqa' jindahal anke wara li l-partijiet izzewwgu. Il-konvenuta w missierha kienu jiggieldu ta' spiss u anke jghajtu ma' xulxin, u dan, kif jispjega l-attur, anke fil-prezenza tieghu.

Illi wara z-zwieg taghhom, l-attur kellu jkompli bl-istudju tieghu go l-Ingilterra, u allavolja huwa xtaq li l-koppja jiffrankaw l-flus ghall-kera ta' post, il-konvenuta nsistiet illi ma jmorrux jghixu ma' missierha. Ghalhekk l-attur kellu jikri post ghal ftit iljieji qabel ma jsiefru.

Illi rigward it-tieg stess, l-attur jghid illi l-konvenuta wriet entuzjazmu kbir ghall-okkazjoni u cjoe' ghall-affarijiet materjali bhal ilbiesi tat-tieg, il-lista tar-rigali u it-*thank you notes.*

Illi mbaghad skond l-attur, meta siefru wara t-tieg, l-ewwel haga li l-konvenuta qaltlu hija li kienet ferhana li issa huha kellu jiehu hsieb lil missierha u li fl-ahhar hija kienet helset minn missierha.

Illi l-attur jiddeskrivi l-hajja tal-partijiet wara z-zwieg, u kif l-affarijiet marru mill-hazin ghall-aghar. Wara l-perjodu li ghamlu l-Ingilterra, huma regghu lura Malta ghal perjodu qasir, izda wara, l-attur kellu jerga jirritorna l-Ingilterra sabiex jaghmel kors iehor ta' studju, liema kors kellu jdum xi tliet snin. Meta kienu jghixu l-Ingilterra, l-konvenuta kienet sabet xoghol gewwa *estate agency* u kienet tkun mistiedna hafna okkazjonijiet ta' divertiment waheda. L-attur jixhed hekk:- *"il-konvenuta kienet ferhana hafna dak iz-zmien ghax kellha hafna hbieb u kienet tohrog hafna, pero', r-relazzjoni taghna ma kenitx sejra 'l quddiem u l-konvenuta kienet dejjem tevita l-ftit mumenti intimi li kien jkollna flimkien".*

Illi meta mbaghad ghaddew it-tliet snin gewwa l-Ingilterra, l-partijiet kellhom jirritornaw lura Malta. Il-konvenuta pero' ma riditx tirritorna lura Malta. Skond l-attur hija ma kenitx kuntenta tghix hawn Malta u kienet dejjem tgerger li Malta kienet zghira u li ma kienx hemm divertiment. Hija ma rnexxilhiex izzomm xoghol ghal izjed minn ftit gimghat kull darba.

Illi l-konvenuta kienet trid tohrog ta' spiss bil-lejl u kienet tiddejjaq id-dar. Hi kellha bhal fissazzjoni fuq il-hrug bil-lejl. L-attur jixhed hekk f'dan ir-rigward:-

*"Kienet tinsisti li ghandna nohorgu ta' spiss u li nibqghu barra sa tard bil-lejl, minkejja illi kien ikolli x-xoghol l-ghada fil-ghodu. Niftakar illi darba minnhom ma morniex id-diskoteka bhas-soltu ghaliex kont bqajt ix-xoghol tard u x'hin kont ghidtilha illi kien tard wisq biex nohorgu kienet infurjat, bdiet twerzaq u tghajjat u twaddab l-affarijiet ghal fuqi, bhal li kieku ma' konniex ser immorru ghal xi avveniment importanti. Niftakar li dakinhar kienet qaltli li kien jiddispjaciha li kienet izzewgitni."*

Illi rigward tfal, l-attur jixhed hekk:- *"Qatt ma ddiskutejna dwar li jkollna t-tfal, lanqas qabel iz-zwieg. Zgur qatt ma' konna tkellimmna dwar tfal bis-serjeta'. L-intimita' ta' bejnietna qatt ma kienet tajba u bdiet tiddeterjora maz-zmien. In fatti, stajt nikkalkula l-gurnata illi fiha l-konvenuta kienet inqabdet tqila. It-tqala ma kenitx ippjanata".* Il-koppja kellhom tifel wiehed jismu Michael, u l-attur jispjega li "*wara t-twelid tat-tifel, l-affarijiet marru ghall-aghar. Il-konvenuta ma' rieditx aktar tkun intima mieghi u ghamlitha cara li ma rieditx aktar tfal".*

Illi l-attur jiddeskrivi l-hajja mizzewwga bejn il-partijiet bhala wahda fejn il-konvenuta ma kienitx taghmel il-facendi god-dar allavolja ma kenitx tahdem. Hija lanqas kienet issajjar u l-attur filghaxija wara gurnata xoghol kien jiekol biss bicca hobz. Hija kienet tqatta l-gurnata barra mid-dar mal-hbieb. Huwa jiddeskrivi l-hajja socjali tal-koppja bhala wahda mghaggla, fejn kienu jkunu mistednin ghand in-nies hafna, u kienu anke jsiefru. It-tifel kien joqoghod ghand il-genituri ta' l-attur meta kienu johorgu, u meta l-koppja ma kienx ikollhom xi hadd li jzomm it-tifel, *"il-konvenuta kienet tiggennen u kienet taghmel hafna xeni."*

Illi skond l-attur l-atteggjament tal-konvenuta mat-tifel taghhom kien *"ahra'"*. Hija kienet twerzaq u tghajjat mieghu meta ma kienx jista' jorqod, u ma kenitx thallih jidhol fis-sodda maghhom meta kien ikollu hmar il-lejl u kien jibki. Kienet anke tghid kliem baxx fil-konfront tat-tifel. It-tifel kien juri preferenza li joqoghod mal-attur, u l-konvenuta kienet tghir b'dan. Il-konvenuta kienet tghajjat

u twerzaq mat-tifel meta ma kienx irid jiekol, u diversi drabi sahansitra kienet tghidlu li kien irrovinalha hajjitha u li kienet qed tistenna l-waqt li titlaq il-familja. Fil-fatt skond l-attur il-kliem ezatti taghha kien *"you trapped me and you ruined my life".*

Illi l-attur jispjega kif iz-zwieg taghhom fl-ahhar spicca ghal kollox meta l-konvenuta bdiet tahdem u tohrog hafna mal-hbieb waheda. Hija siefret waheda wkoll u allavolja kienet tghid lill-attur li kienet sejra go pajjiz wara kien jiskopri li kienet marret pajjiz iehor. Kienet tqatta' hafna zmien fuq il-komputer tpacpac man-nies u partikolarment ma' ragel li kien anke jibghatilha ritratti tieghu. Mbaghad kienet qabdet w avzat lill-attur li riedet titilqu u meta qalilha li huwa ried izomm it-tifel hija ma oggezzjonat xejn u mill-ewwel qablet mieghu rigward dan, minghajr argumenti. Fl-ahhar il-koppja sseparaw u l-konvenuta telqet minn Malta fil-1999 u marret tghix barra ma' ragel iehor ta' nazzjonalita' Daniza. Minn dakinhar 'l hawn ftit li xejn giet lura Malta biex tara t-tifel taghha.

Illi omm l-attur **Theresa Camilleri** fl-affidavit taghha (Dok. "TC" ) xehdet illi *"…. kemm waqt l-gherusija u kif ukoll wara z-zwieg, Simon u martu Victoria Camilleri kienu aktar iqattghu hin ghand missier Victoria milli d-dar tieghi u ta' zewgi. Dan kien peress illi missier Victoria kien ragel anzjan u kien ikollu bzonn attenzjoni kontinwa u l-prezenza ta' Victoria u ghalhekk generalment wara x-xoghol u fil-weekend Simon kien ikun ma' Victoria d-dar ta' missierha jew inkella kienu johorgu. Nghid ukoll illi meta kienu johorgu Simon kien jirritorna lura lejn id-dar kmieni u dan minhabba l-fatt illi missier Victoria kien dixxipplinat hafna maghha u kien ikun iridha tidhol id-dar kmieni. Kien hemm okkazjonijiet fejn Victoria gergret fil-prezenza tieghi dwar dan il-fatt. Nghid illi kemm-il darba Victoria quddiemi stess kienet tgerger fuq il-fatt illi missierha kien ikun iridha tqatta' hafna mill-hin taghha mieghu peress illi dan kien bniedem esigenti."*

Illi hija tispjega wkoll li mart l-attur, Victoria, kienet wahda li thobb tiddeverti u tohrog hafna. Fil-fatt wara li l-koppja kellhom it-tifel, omm l-attur tghid illi kienet spiccat tiehu

hsieb it-tifel kwazi kull *weekend*, ghaliex Victoria tkun trid tohrog. Skond hi, jekk ghal xi raguni ma kienux johorgu minhabba xi raguni bhal per ezempju x-xoghol ta' l-attur, Victoria kienet taghmel hafna nervi u xenati. Omm l-attur kienet anke tipprova turi d-dizapprovazzjoni ghal dan l-atteggjament taghha, izda Victoria kienet tissuppervja u turiha li ma kenitx tiehu gost bil-kummenti ta' omm l-attur.

Illi rigward ir-relazzjoni bejn Victoria w missierha, omm l-attur tixhed hekk: -

*"Kemm-il darba qabel iz-zwieg, missier Victoria kien ikun id-dar taghna u hafna drabi huwa kien jispicca jmaqdar lil Victoria illi ma kenitx taf issajjar u tnaddaf u dan l-atteggjament kien iwegga' hafna lil Victoria. In fatti, kemm-il darba Victoria kienet tinfaqa' tibki quddiemna minhabba din is-sitwazzjoni mbarazzanti".*

Illi omm l-attur tkompli tixhed hekk: *"Kemm-il darba jiena staqsejt lil Victoria ghaliex ma kenitx baqghet thobb lil Simon meta konna nafu illi Simon kien ragel biezel u missier tajjeb. Victoria kienet dejjem tipprova tevita l-mistoqsija. Imbaghad, peress illi kont naf kemm kien ragel difficli missierha, jiena hassejt il-bzonn li nsaqsiha jekk, wara kollox, kenitx izzewget lil Simon sabiex tahrab mid-dar ta' missierha. Victoria Camilleri kienet wegbitni "aktarx", u jien irrispondejtha "mela ghalhekk", u hi ma merietnix."*

Illi z-zija ta' Victoria Camilleri, **Margaret Wood** xehdet hekk fl-affidavit taghha (Dok. "M W" ):- *"…. Victoria kienet tilfet lil ommha meta hija kellha dsatax-il sena. Dak iz-zmien huha Patrick Critien kien diga' mizzewweg u ghalhekk Victoria biss baqghet tghix id-dar ta' missierha u hi biss kienet tiehu hsiebu. Nghid illi missier Victoria kien bniedem anzjan u Victoria ma tantx kienet tmur tajjeb mieghu ghaliex huwa kien bniedem esigenti hafna u kien ikollha problemi partikolarment minhabba d-differenza kbira tal-eta'. Nghid illi qabel ma bdiet tohrog ma' Simon Camilleri, Victoria kienet tohrog ma' guvni iehor. Hija kienet bdiet tohrog ma Simon Camilleri ezatt wara illi kienet hassret ir-relazzjoni taghha l-ohra. Nghid illi l-*

*ambjent xejn pjacevoli illi kien jiccirkonda lil Victoria fid-dar ta' missierha seta' ghaggel il-hsieb taghha ghaz-zwieg ma' Simon Camilleri."*

Illi z-zija l-ohra ta' Victoria Camilleri, u cjoe' **Juliette Borg Cardona**, wkoll ikkonfermat fl-affidavit taghha (Dok. "JBC") illi missier Victoria kien persuna difficli hafna u peress illi Victoria kienet ghada zghira dak iz-zmien meta ommha mietet u kellha tiehu hsieb lil missierha, hija kienet thossha mdejqa fis-sitwazzjoni taghha.

Illi jirrizulta lill-esponenti mill-provi prodotti illi Victoria Camilleri, u cjoe' mart l-attur, fiz-zmien meta bdiet tohrog ma' l-attur kienet qed tghix wahedha ma missierha, u li dan il-perjodu kien wiehed difficli ghaliha minhabba l-karattru ferm esigenti li kellu missierha. Ma hemmx dubbju minn dak li xehedu x-xhieda kollha prodotti, li missier Victoria kien bniedem anzjan, esigenti u difficli. Kien anke ferm dixxiplinat maghha u jiddetta kif l-affarijiet kellhom isiru. Baqa' jindahal fil-hajja ta' bintu anke wara li din izzewwget. Milli jidher, wara l-mewt ta' martu, missier Victoria kien jistenna li hi tiehu post martu u tiehu hsiebu w tiffacendja qisha l-mara tad-dar.

Illi l-fatt li Victoria kellha tiehu hsieb lil missierha wara l-mewt ta' ommha m'hijiex xi haga ta' barra minn hawn, pero' l-atteggjament tieghu f'dan il-kaz ma kienx wiehed normali. Huwa kien imaqdarha u jghajjat maghha kontinwament u ghalhekk irrenda s-sitwazzjoni taghha insopportabbli.

Illi mill-provi prodotti jidher car dak li gara f'dan il-kaz, u cjoe' li meta Victoria kienet ghadha xebba ta' 19-il sena sabet ruhha tiehu hsieb u ddur ma' missierha li kien bniedem ingrat u esigenti. Hi ma kienet issib l-ebda ghajnuna minghand huha li kien diga telaq mid-dar ghax kien mizzewweg, u hi hasset li allura x-xoghol kollu kien waqa' fuqha. Meta kienet tigi biex tohrog, missierha kien iddixxiplinat u kien igieghla tidhol kmieni.

Illi gara ghalhekk illi malli bdiet tohrog ma' l-attur, u dan ezattament wara li kienet harget minn relazzjoni ohra ma'

ragel iehor, hija bhallikieku ggranfat ma' l-attur u rat cans li tohrog mis-sitwazzjoni li fiha kienet qed tghix. Fil-fatt, fuq insistenza taghha biss, il-partijiet kienu tgharrsu fl-istess sena meta bdew johrogu ma' xulxin allavolja l-attur kien hass li kienu qeghdin jigru wisq.

Illi wara li l-partijiet izzewwgu mbaghad, l-attur kien qed jistudja kif ukoll jahdem, u l-koppja kellhom iqattghu hafna zmien barra minn Malta ghall-istudju tieghu. Victoria f'dan il-perjodu f'daqqa wahda sabet ruhha libera u minghajr il-piz ta' missierha, u 'l boghod minnu minghajr l-indhil u d-dixxiplina tieghu. F'daqqa wahda wara z-zwieg hija kienet libera li taghmel li trid u meta trid. F'daqqa wahda qisha rribellat. Riedet bilfors tohrog il-hin kollu u tiddeverti, donnu biex taghmel tajjeb ghal dak li kienet tilfet fiz-zmien ta' qabel.

Illi l-attur min-naha tieghu kellu l-istudji tieghu u x-xoghol tieghu, izda hi ma tantx tat kaz ta' dan, l-aqwa li hija kienet qed tiddeverti. U jekk ghal xi raguni l-attur ma setax johrog minhabba x-xoghol tieghu, kienet daqs li kieku waqghet id-dinja ghaliha, u kienet taghmel ghageb u xenati daqs li kieku kienet waqghet id-dinja. Mbaghad, kull darba li kienu johrogu, kienu joqoghdu barra sa tard hafna bil-lejl, u dan pjuttost fuq l-insistenza taghha, minghajr hsieb jekk ir-ragel kellux jahdem jew le l-ghada.

Illi l-atteggjament taghha fiz-zwieg kien wiehed nieqes ghal kollox mill-elementi li jassikuraw li zwieg jirnexxi u jkun wiehed felici. Ma kienet issajjar xejn u ma taghmel l-ebda facendji ghax skond hi kien izjed importanti li tohrog u tiddeverti. L-attur li jidher li kien bniedem diligenti w anke pacenzjuz maghha, kien jahdem u anke jistudja, u x'hin kien jasal id-dar kien ikollu jiekol bicca hobz ghax ma kienx isib ikel, u kien isib li l-mara kienet qattghat il-gurnata kollha barra mal-hbieb. Victoria kellha bhal avversjoni ghall-facendi tad-dar u dan jista' jkun ukoll parti tal-*rebellion* kontra dak li kellha taghmel wara li mietet ommha. Sadanittant, kienet izzomm il-hajja socjali tal-koppja mghaggla hafna. Kienet anke ghamlet hbieb taghha u kienet tohrog ta' spiss waheda maghhom minghajr ir-ragel.

Illi pero’ l-atteggjament li l-izjed juri li Victoria ma kellhiex dik il-maturita’ ghaz-zwieg kien fir-rigward tat-tifel tal-partijiet. Hija kienet tittratta lit-tifel b’certu hruxija skond l-attur. L-affarijiet marru mill-hazin ghall-aghar wara t-twelid tat-tifel. Minflok ma kienet kuntenta bit-twelid tat-tifel, kienet taghmilha cara li ma riditx tfal ohra, u li ma riditx aktar intimita’ mar-ragel taghha.

Illi Victoria kienet kwazi tghir ghat-tifel peress illi dan kien imur tajjeb ma missieru, u kien izjed vicin tieghu. Mbaghad mill-banda l-ohra kienet tara x’ser taghmel biex tehles minnu biex tkun tista’ tohrog waheda u tkun libera. Sahansitra kienet baghtitu ghall-lezzjonijiet tal-*football* fejn dan it-tifel ma kienx jiehu pjacir u ma kien jaf lil hadd sabiex zgur ikollha hin liberu nhar ta’ Sibt u tkun tista’ tohrog mal-hbieb.

Illi Victoria kienet turi nuqqas kbir ta’ affezzjoni fil-konfront tat-tifel. Jekk kien iqum bil-lejl kienet tirrabja u tghajjat mieghu, u kien ikun l-attur li kien jikkalma t-tifel. Jekk ma kienx irid jiekol kienet tghajjat u twerzaq mieghu, u sahansitra kienet tghidlu li kien irrovinalha hajjitha meta gie fid-dinja. Kienet twissi lill-attur u lit-tifel li kienet qed tistenna l-mument li titlaqhom. Il-kliem li kienet tuza’ u specifikment *“You trapped me and you ruined my life”*, juru ezattament l-atteggjament, jew ahjar l-oppinjoni taghha taz-zwieg taghha.

Illi mbaghad, meta giet biex verament titlaq lill-familja, kienet accettat mill-ewwel li thalli t-tifel warajha ma’ l-attur, u dan ghamlitu bi qbil totali u minghajr argumenti. Milli jidher qatt ma kellha l-intenzjoni li tiehu t-tifel maghha. Tant hu hekk illi marret tghix barra minn Malta ma’ ragel iehor li mieghu kellha relazzjoni waqt iz-zwieg, u ftit li xejn giet lura sabiex izzur lit-tifel taghha.

Illi dwar dan il-brava perit legali Dr. Veronica W. Galea Debono sostniet:-

*“Fl-opinjoni tal-esponenti dan juri bic-car illi Victoria Camilleri bl-ebda mod ma kienet hejjiet ruhha sew ghaz-*

*zwieg. Meta zzewget kienet nieqsa sew minn dik il-maturita' ta' hsieb li jirrikjedi z-zwieg, u fl-ebda hin u mument ma jidher li kienet qieset sew dak li kienet diehla ghalih. Bil-fatt li riedet tizzewweg x'aktarx sabiex sempliciment tehles minn missierha u sabiex tillibera ruhha mis-sitwazzjoni li fiha kienet qed tghix, huwa ovvju li ma kenitx tat kaz, jew qieset l-obbligazzjonijiet u d-dmirijiet li jgib mieghu z-zwieg. Lanqas ma kienet ikkunsidrat jew gharfet il-'commitment' li jgib mieghu z-zwieg, liema 'commitment' jinvolvi partecipazzjoni attiva fil-hajja tal-*familja*. Jidher car ukoll illi ma kienitx volontarjament u konxjament inghaqdet ma l-attur fiz-zwieg bl-intenzjoni li tghix hajjitha mieghu sabiex flimkien jikkrejaw shubija u jaghtu nfushom lil xulxin."*

*"Illi huwa car illi l-kunsens ta' Victoria Camilleri ghaz-zwieg, ma giex moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jirrikjedi w jgib mieghu z-zwieg. Kif gja' spjegat, il-kuncett ta' 'discretio judicii' ma jirrikjedix maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet, u cjoe', l-obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Dan l-element skond l-esponenti kien nieqes ghal kollox fiha."*

*"Illi hija lanqas ma kellha dik il-maturita' affettiva fil-konfront tal-attur, liema maturita' affettiva tikkonsisti f'dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentiment tal-partijiet fil-konfront ta' xulxin. Wara li rnexxilha tehles minn missierha meta zzewget, regghet hasset ruhha 'trapped' mill-attur. Dan is-sentiment li kienet thoss ghall-attur zgur mhux is-sentiment rikjest miz-zwieg. Ghalhekk, nieqes ukoll dan l-element, jidher li kien hemm difett serju tad-diskrezzjoni tal-gudizzju f'Victoria Camilleri".*

Illi din il-Qorti taqbel effettivament mal-apprezzament tal-provi kif saru mill-istess abbli perit legali, u dan ghaliex fuq il-bazi tal-provi prodotti ma hemm l-ebda konkluzjoni ohra li wiehed jista' jasal ghaliha, u dan wkoll ghaliex kif diga' nghad, l-obbligazzjonijiet essenzjali ghal hajja taz-zwieg jinkludu fosthom il-fedelta' u fiducja, l-permanenza taz-zwieg, u fuq kollox il-*benessere* reciproku bejn il-mizzewgin. Minghajr dawn l-obbligazzjonijiet, unjoni

ntima bejn il-konjugi fl-aspetti kollha taghha ma tistax issehh. Jirrizulta li Victoria Camilleri ma kenitx irriflettiet fuq dawn l-obligazzjonijiet essenzjali ghall-hajja taz-zwieg, u lanqas kienet kapaci terfa' u twettaq l-istess matul il-hajja matrimonjali taghha.

Illi ghalhekk il-Qorti thoss illi ghar-raguniiet li ghadhom kif gew kkunsidrati, l-kunsens tal-konvenuta Victoria Camilleri, kif rapprezentata f'din il-kawza minn kuraturi deputati, kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

Illi rigward l-**Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** citat mill-attur fic-citazzjoni minnu pprezentata, dan l-artikolu jikkunsidra kemm is-simulazzjoni totali (*"colorem habens, substantiam vero nullam"*) kif ukoll dak parzjali (`*colorem habens, substantiam vero alteram'*) tal-kunsens.

Illi kif gie spjegat minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"Alfred Tonna vs Maria Tonna"**, (P.A. (N.A.) 31 ta' Jannar 1996, u fil-kaz **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A. (N.A.) 14 ta' Awissu 1995, *"ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali izda internament u b'att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali)."*

Illi kif inghad fid-decizjoni fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et"**, (K. l-1 ta' Ottubru 1884 - Vol. X p. 912) *"a poter dedursi la invalidita' dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la verita', ma una simulazione, cjoe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero."*"

Illi meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti kunsens validu ghaz-zwieg, pero' bl-atti tieghu

qabel u fil-hajja mizzewwga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda minn qabel certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewwga, cjoe’, ssimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda *a priori* z-zwieg, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, u cjoe’ saret simulazzjoni parzjali.

Illi taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax xi wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu, kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-istremi tal-annullament.

Illi ghar-rigward tas-simulazzjoni totali, din il-Qorti fil-kaz **“Bonnici vs Bonnici”** (P.A. 30 ta’ Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali irid jigi ppruvat li l-*‘finis operis’* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg. Il-Qorti f'decizjoni ohra Taghha **“Cali vs Dr. Albert S. Grech”** (Prim' Alwa 22 ta’ Gunju 1988) qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-idejat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort' ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Mbaghad fil-kaz **“Galea vs Walsh”** (P.A. 30 ta’ Marzu 1995), il-Qorti spjegat is-simulazzjoni bhala *“meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata*.*”* Fil-kaz **“Muscat vs Borg Grech”** (P.A. 14 ta’ Awissu 1995) il-Qorti spjegat is-simulazzjoni totali hekk:-

*“Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda ikun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu.”*

Illi mill-banda l-ohra, meta nigu ghas-simulazzjoni parzjali, u cjoe’ ghall-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, il-Prim' Awla

tal-Qorti Civili fil-kaz **“Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et noe”** (P.A. (N.A.) 14 ta’ Lulju 1994) elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala l-kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokrejazzjoni ta' l-ulied. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawzi **“Grech vs Grech”** (P.A. (N.A.) 9 ta’ Ottubru 1990), u **“Aquilina vs Aquilina”** (P.A. 30 ta’ Jannar 1991).

Illi wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti, l-Qorti hija tal-fehma li ma giex ippruvat sufficjentement li l-kunsens tal-konvenuta Victoria Camilleri kien vizzjat f’dan is-sens, u cjoe’ li nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga.

Illi ghalhekk, mill-provi migbura u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet tal-istess perit legali li t-talba tal-attur ghandha tigi milqugha, u z-zwieg li gie celebrat bejn il-kontendenti fit-22 ta’ Marzu 1986 ghandu jigi dikjarat null a bla effett u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi in kwantu l-istess huma nkompatibili ma’ dak fuq deciz, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fit-22 ta’ Marzu 1986 huwa null u bla effett legali u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255**.

Bl-ispejjez kollha jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet b’dan li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu dejjem skond il-ligi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**

**13 ta' Novembru 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**13 ta' Novembru 2002**